# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 93/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Johan Sultana**
*Omissis*

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Johan Sultana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 47882(M) u *Omissis*, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

talli ġewwa 'Bliss Massage' sitwat f'64, Triq San Pietru, il-Fgura ġewwa dawn il-Gżejjer, fis-07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. xjentement, għexu, għal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, barranin u dan bi ksur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. bħala persuni responsabbli minn ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur ta' Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. għamlu użu mill-fond 'Bliss Massage' ġewwa 64, Triq San Pietru, Fgura għal skopijiet barra minn dawk l-iskopijiet liċenzjati għalihom u dan bi ksur ta' Artikoli 7 u 18(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08 u għaldaqstant bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja skont Artikolu 23(1) tal-istess Leġislazzjoni, u ċioè bi ksur ta' Artikolu (1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli fis-07 ta' Frar, 2019, u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

4. għamlu atti ta' *money laundering* billi:

    i) ikkonvertew jew trasferixxew proprjeta' meta kienu jafu jew issusspettaw li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;

    ii) ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-

proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

iii) akkwistaw, ippussessaw jew użaw proprjeta' meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

iv) bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta' meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

v) ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq

*ai termini* ta' Artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>Lil *Omissis* waħedha</u> akkużata talli fis-07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

5. ikkommettiet reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. nhar is-

16 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. saret reċidiva b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. nhar is-16 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Lil Johan Sultana waħdu akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-27 ta' Jannar 2019, u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

7. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala persuna kkundannata f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu oġġetti li ma kienux tal-kondizzjoni tagħhom u għodod tajba għal ftuħ jew sgassar, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu (Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

talli fis-07 ta' Frar 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi

żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

9. ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D. nhar is-16 ta' Novembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

10. sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar il-15 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

11. sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D. nhar id-29 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

12. sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Mejju 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

13. sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Mercieca LL.D. nhar it-18 ta' Ġunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikoli 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-

imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, *ai termini* ta' Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti,

- Fir-rigward ta' *Omissis*, wara li rat Artikoli 17, 18, 31 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitha ħatja tat-tieni (2) u tal-ħames (5) imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (imputazzjoni numru sitta (6)), illiberatha mill-kumplament u kkundannatha erba' (4) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

  *Inoltre* wara li rat Artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti estendiet is-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Mejju 2018, ta' sena priġunerija li ġiet sospiża għal sentejn oħra minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata.

- Fir-rigward ta' Johan Sultana, filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u dawk numru disgħa (9) sa tlettax (13), wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 49 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 7(1)(3) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati fuq l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija u mija u għaxar (€110) Euro penali.

Il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u immobbli kollha ta' l-imputat kif stipulat f'Artikolu 3(5) moqri flimkien ma' Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli b'Artikolu 3(7) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

*Inoltre ai termini* ta' Artikolu 14 tal-Ordinanza, il-Qorti ħassret kull liċenzja li għandu l-imputat Johan Sultana dwar il-ħanut 'Bliss Massage' tal-Fgura.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil *Omissis* tħallas is-somma ta' erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€485.67)[2] u lil Sultana jħallas is-somma ta' disa' mija u wieħed u sebgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€971.35)[3] rappreżentanti spejjeż peritali.

Il-Qorti ordnat li s-sentenza tagħha tiġi mibgħuta lid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Soċjali in vista tal-fatt li qieset li l-imputat Sultana jirċievi benefiċċji *inter alia ai termini* ta' Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ordnat ukoll notifika tas-sentenza tagħha lill-Kummissarju għat-Taxxi sabiex jinvestiga diskrepanzi rigward il-*capital gains tax* dovuta fuq it-trasferiment tal-ħanut li fuqu tħallsu sitta u għoxrin elf Euro (€26,000).

Fid-dawl tal-provi li ġew prodotti f'dawn il-proċeduri, l-Ewwel Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawru r-reati kontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment f'Artikolu 3 tal-istess Kapitolu, kif ukoll ir-reati kontemplati b'Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tan-Nutar Joseph Tabone u fis-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima, l-Ewwel

---

[1] "Vide **Il-Pulizija vs. Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs. Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017."
[2] "Terz"
[3] "Żewġ terzi"

Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront tan-Nutar Joseph Tabone u Josianne Brincat.

Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza mogħtija minnha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat lill-imputat mhux ħati** mill-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u dawk numru disa' (9) sa tlettax (13) u fejn sabitu ħati tas-7 imputazzjoni u **tirrevoka fil-kumplament u ċioè fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet** numru 17, 18, 31, 49 u 287 tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikoli 7(1)(3) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta w l-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn sabitu ħati fuq l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu għal tlett (3) snin priġunerija u mija u għaxar (110) Ewro penali. Fejn ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u immobbli kollha ta' l-imputat kif stipulat fl-Artikolu 3(5) moqri flimkien ma' l-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre ai termini tal-Artikolu 14 tal-Ordinanza ħassret kull liċenzja li għandu l-imputat Johan Sultana dwar il-ħanut Bliss Massage tal-Fgura. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ordnat lil Sultana jħallas €971.35c rappreżentanti spejjez peritali, **u minflok tilliberah** minn dawn l-istess imputazzjonijiet u tapplika l-piena relattiva għas-7 imputazzjoni jew alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha **tirriforma s-sentenza appellata** fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2023.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Mejju 2022, liema appell ġie mressaq minn Johan Sultana. Għandu jingħad li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu kontra l-appellant Johan Sultana u kontra persuna oħra bl-isem ta' Pawlina Cutajar tant li s-sentenza appellata ngħatat fil-konfront tat-tnejn li huma. Minn din is-sentenza jirriżulta li appella l-appellant Sultana.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li dan il-każ jirrigwarda reati marbuta ma' allegat sejba ta' droga, prostituzzjoni u ħasil tal-flus b'dana illi fis-27 ta' Jannar 2019 l-appellant ġie mwaqqaf fil-vettura li kien qed isuq fejn il-Pulizija sabu sustanza suspettata eroina. Fil-vettura l-Pulizija sabu wkoll balaklava, ingwanta tas-suf, ingwanta tal-*latex* u martell biex jitkisser il-ħġieġ, kif ukoll miżien. L-appellant spjega li l-ingwanti kienu sabiex huwa jsuq ir-*racer* waqt li l-balaklava kien jilbisha taħt il-*helmet* u li l-martell kien ġie mal-vettura u li kien intiż sabiex ikisser il-ħġieġ jekk jaqa' fil-baħar. Qal ukoll li l-miżien kien intiż sabiex jiżen id-deheb.

Illi f'dan l-istadju l-Pulizija żammewlu l-*mobile* sabiex isiru aktar investigazzjonijiet u rrilaxxawh (lill-appellant) fuq *police bail*. Mill-estrazzjoni tal-*mobile* li saret mill-*forensic unit* irriżulta li allegatament l-appellant kien involut fl-amministrazzjoni ta' ħanut tal-massaġġi fejn kienu jingħataw xi *extras* ta' natura sesswali u

għalhekk l-appellant reġa' ittieħed l-Għassa. Fuq il-persuna tal-appellant instabu elf, erba' mija u sittin Euro (€1,460). Wara tfittxija li saret fir-residenza tiegħu l-Ħamrun instabu s-somom ta' elfejn, erba' mija u tmenin Euro (€2,480) u tliet elef u sitt mitt Euro (€3,600). L-appellant spjega li s-somma ta' elfejn erba' mija u tmenin Euro (€2,480) kienu tat-tfajla tiegħu li kienet il-ko-imputata f'dan il-każ ossia Pawlina Cutajar imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi l-appellant ċaħad li huwa kien bagħat xi messaġġi minn fuq il-*mobile* tiegħu li jirrigwardaw il-ħanut 'Bliss Massage' iżda kien ikkonferma li bagħat xi messaġġi rigwardanti xi *parts* tal-vettura tiegħu u rigward xi deheb.

Illi qabel dan, il-Pulizija kienu għamlu xi għassa fuq il-ħanut tal-massaġġi bl-isem 'Bliss' u kienu nnutaw numru ta' irġiel deħlin u ħerġin. Meta dawn ġew mistoqsija, uħud ikkonfermaw li kienu ingħataw servizzi sesswali bi ħlas. Wara dan il-Pulizija kienu kkuntattjaw dik li ħasbu kienet is-sid tal-ħanut ċerta Josianne Brincat u din kienet ikkonfermat li hija kienet biegħet il-ħanut għas-somma ta' sitta u għoxrin elf Euro (€26,000). Sussegwentement, fil-kors tal-kawża, irriżulta li l-kuntratt ma kienx wieħed ta' bejgħ iżda kien wieħed ta' donazzjoni b'xejn minkejja li l-bejjiegħ qalet li kienet irċeviet is-somma ta' sitta u għoxrin elf Euro (€26,000).

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numri ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li

> tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[4]"

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji msemmija fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti kienu żbaljati minħabba li l-provi prodotti ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' ħasil ta' flus u l-provi miġbura ma jikkostitwixxux l-istess reat. Huwa jilmenta li t-tifsira mogħtija lir-reat ta' ħasil tal-flus hija waħda wiesgħa u dan għandu jiġi ppruvat flimkien ma' l-element formali tar-reat. Jispjega li dan ir-reat ġie addebitat għal żmien definit u ċioè dak tas-7 ta' Frar 2019 u/jew ftit xhur qabel flimkien ma' reati oħra li ġew indikati bħala sors ta' introjtu li flimkien ġie b'xi mod marbut ma' transazzjoni ta' xiri ta' immobbli. Ikompli li n-narrativa tal-proċess hija li huwa uża l-flus tar-reat ta' prostituzzjoni sabiex jixtri l-ħanut. Jisħaq li n-narrativa tal-proċess hija li wara li xtara l-ħanut huwa beda jużah sabiex minnu jiġu

[4] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

offerti servizzi ta' natura sesswali u li huwa jgħix minn fuq il-qliegħ ta' dan ir-reat. Jgħid li ma hemm l-ebda prova dwar dan. Jilmenta li l-akkuża hija ferm nebuluża u tirreferi għal ftit xhur ta' qabel is-7 ta' Frar 2019. Ikompli li għalkemm ma huwiex speċifikat it-terminu xhur ta' qabel żgur jirreferi għal perjodu ta' wara li nxtara l-ħanut. Jispjega li r-reat ta' ġid li ma għandux spjegazzjoni sal-ġurnata tal-lum għadu ma jeżistix hawn Malta u għalhekk sabiex ikun hemm reat dan irid jiġi abbinat ma' reat ieħor.

Illi taħt dan l-aggravju in eżami l-appellant ikompli li għalkemm fil-każ ta' ħasil ta' flus teżisti l-inverżjoni tal-prova huwa dejjem l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova r-rabta bejn ir-reat u l-attivita' li wasslet għal qliegħ dubjuż.

Illi minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju bili jisħaq li l-aqwa prova ġiet imressqa u jisħaq ukoll li ġie ppruvat li l-appellant għamel qliegħ tramite servizzi ta' natura sesswali u li r-reat ta' *money laundering* ġie ppruvat minħabba li ġie ppruvat ir-reat sottostanti. Jispjega li fir-reat ta' *money laundering* hemm l-inverżjoni tal-prova u jkompli li f'dan il-każ l-appellant naqas milli jagħti prova tal-provenjenza ta' flusu u inqabad jigdeb ripetutament.

Illi rigward it-terminu ta' żmien indikat fl-imputazzjoni din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-imputazzjonijiet li bihom ġie mixli l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti. Rigward l-għajxien fuq il-qliegħ mill-prostituzzjoni dawn huma marbuta mad-data tas-7 ta' Frar 2019 u xhur qabel (mhux ftit xhur qabel kif jittanta jgħid l-appellant). Mid-diċitura tal-imputazzjoni jirriżulta li din tkopri l-perjodu mis-7 ta' Frar 2019 lura għal xi xhur. Din il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "xhur" imur lura għal żmien qabel is-sena 2019 u għandu jinkludi żmien wara s-7 ta' Frar 2018 għax kieku l-Pulizija kien jindikaw terminu ta' sena u mhux xhur.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellant li f'Malta ma jeżistix ir-reat ta' ġid li mhux spjegat u li għalhekk ikun irid jkun marbut ma' reat ieħor, din il-Qorti tinnota li r-reat addebitat lilu huwa dak

ta' ħasil ta' flus. Dawn il-flus jirriżulta li ġew mill-għajxien minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni u għalhekk tali rabta tirriżulta.

Illi dwar l-ilment imressaq mill-appellant rigward l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova r-rabta ta' bejn ir-reat u l-attivita' li wasslet għal qliegħ ta' flus, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol** (Numru 232/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Għalhekk jirriżulta li permezz tal-Att VII tal-2010 kien hemm tibdil u ċioè tnaqqis fil-livell ta' prova li l-Prosekuzzjoni kellha tressaq f'każijiet ta' allegati *money laundering*. L-Artikolu 2(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:
>
> *'Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' money laundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attivita' kriminali sottostanti u* ***mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attivita' sottostanti****.'*
>
> Il-parti sottolineata ġiet miżjuda permezz tal-Att Numru VII tal-2010 u għalhekk il-Prosekuzzjoni ma għandhiex il-ħtieġa li tipprova x'inhu l-*predicate offence*. Huwa biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li ma hemmx raġuni sodisfaċenti għall-oriġini tal-flus, fis-sens li l-ammonti ta' flus jew tranżazzjonijiet ma jirriflettux l-istil ta' ħajja tal-akkużat. L-oneru tal-prova u mbagħad ikun fuq l-akkużat sabiex iressaq prova dwar il-provenjenza leġittima tal-flus."

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Oreste Zammit**

(Numru 578/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa fir-reat tal-ħasil tal-flus meta l-Prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat ma tax spjegazzjoni raġonevoli dwar il-provenjenza leċita tal-flejjes fil-pussess tiegħu, hemmhekk l-oneru tal-prova jinqaleb fuq l-istess imputat u jinkombi imbagħad fuqu illi jressaq il-provi dwar is-sors leġittimu tal-flejjes jew proprjeta' misjuba f'ismu. Fil-proċeduri odjerna, ma tressqet l-ebda prova mill-appellant sabiex juri l-provenjenza tal-ammont ta' flus indikat mill-espert tal-Qorti bħala ammont li ma kienx hemm spjegazzjoni raġonevoli għas-sors tagħhom. Ġaladarba dina l-prova ma tressqitx, l-Ewwel Qorti ġustament straħet fuq il-konklużjoni milħuqa mill-espert Antoine Borg, li *del resto* kien ammont konservattiv tenut kont illi l-Prosekuzzjoni kienet qed tallega illi l-ammont ta' flus derivanti minn sorsi illeġittimi kien ilaħħaq aktar minn miljun ewro. Dan ifisser illi l-aggravji ntentati mill-appellant ma humiex imsejsa fuq dak li tipprovdi l-liġi u lanqas fuq il-provi li hemm fl-atti."

Illi ġie ppruvat li l-appellant għandu l-vizzju tad-droga u li ma għandux xogħol. L-appellant stess waqt l-istqarrija tiegħu jispjega li d-droga kienet tiswielu ħamsa u tletin Euro (€35)-il gramma u li jieħu kuljum. L-appellant jispjega wkoll waqt l-ewwel stqarrija li huwa jieħu kważi sitt mitt Euro (€600) fix-xahar benefiċċji soċjali. Jgħid li ġieli jieħu gramma u ġieli jieħu nofs gramma droga. Dan diġa' waħdu jfisser li jekk jieħu nofs gramma kuljum mid-droga biss huwa kważi jonfoq dak li huwa l-introjtu tiegħu.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tinnota li mix-xiehda mogħtija minn Josianne Brincat fid-19 ta' Frar 2019 ( *a fol.* 81 *et seq.)* jirriżulta li hija rċeviet is-somma ta' aktar minn għoxrin elf Euro (€20,000) *cash* mingħand l-appellant. Din il-Qorti, in vista tal-fatt li t-transazzjoni ta' donazzjoni ma tagħmilx sens fil-kuntest kollu, hija propensa temmen il-verżjoni ta' Josianne Brincat.

Illi minbarra dan din il-Qorti tinnota wkoll li l-appellant wara li ttieħidlu l-*mobile* mar u xtara ieħor ta' kważi sitt mitt Euro (€600) (Dok. "JC 7" – *a fol.* 76 *et seq.*) mingħajr ebda diffikulta'. Apparti dan, jirriżulta li l-appellant huwa missier u dan iġib miegħu obbligi ta' manteniment ta' l-anqas *in parte.* Tenut kont ta' dan, l-appellant ma rnexxilux jagħti spjegazzjoni ta' dawn il-flus għalhekk bilfors li dawn l-ammonti ġew minn xi sors ieħor. Mill-atti proċesswali jidher li l-unika sors ieħor huwa dak tas-servizzi ta' natura sesswali li kienet twettaq il-ko-imputata l-oħra.

Illi rigward il-punt imqajjem mill-appellant li n-*nexus* bejn ir-reat skedat u l-beni sekwestrati huwa ineżistenti, din l-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija fid-19 ta' Frar 2019 minn Joseph Galea (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn ix-xhud jispjega li l-ewwel darba inqeda mingħand il-ko-imputata l-oħra f'ħanut il-Mosta. Wara dan is-servizz sar jaf li l-ħanut tal-Mosta ngħalaq u li kienet bdiet toffri s-servizzi minn ħanut il-Fgura. Għalhekk jirriżulta li kronoloġikament il-ko-imputata l-oħra kienet ilha toffri s-servizzi tagħha qabel ma nxtara l-ħanut tal-Fgura. B'hekk jirriżulta li s-servizzi ta' prostituzzjoni kienu jingħataw qabel ma nxtara l-ħanut tal-Fgura.

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li l-appellant kellu fid-disponibilita' tiegħu flejjes fejn l-unika possibbilita' tal-provenjenza tagħhom hija marbuta mar-reati li huwa mixli bihom. Konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward ta' dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami u b'hekk dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jikkontesta wkoll is-sejbien ta' ħtija rigward l-imputazzjonijiet l-oħra u jgħid li dan ser jiġi spjegat waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm u għaliex l-istess ma jirriżultawx.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant ġie liberat mill-imputazzjoni numru tlieta (3) u mill-imputazzjonijiet bin-numru disgħa (9) sa tlettax (13). Jirrizulta li huwa nstab ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa l-imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u hija tal-fehma li dawn ġew ippruvati. Fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fl-aggravju preċedenti u tapplikah *mutatis mutandis* għal dan l-aggravju in eżami b'dan illi dawn l-imputazzjonijiet jirriżultaw ppruvati.

Illi rigward is-seba' (7) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għal verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-4 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 929) fejn l-appellant allura imputat ammetta s-seba' (7) imputazzjoni.

Illi minkejja dak li jgħid l-appellant fir-rigward tal-martell, il-balaklava u l-ingwanti din il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-appellant ma tax verżjonijiet kredibbli u tenut kont ukoll tal-fatt li ma ressaq l-ebda prova dwar dak li allega, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tmien (8) imputazzjoni tirriżulta ampjament ippruvata wkoll.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, jirrizulta li anke dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jikkontesta r-*recordings* u t-traskrizzjonijiet ta' tali *recordings* kif ukoll l-istqarrijiet tiegħu minħabba li ma kienx akkumpanjat minn avukat u lanqas kien ikkonsulta ma' wieħed. Konsegwentement l-appellant jitlob l-isfilz ta' dawn id-dokumenti kif ukoll kwalsiasi riferenza minn xi xhud għal dawn ir-riferenzi. Jispjega li minkejja li huwa ffirma dokument li ma xtaqx jikkonsulta ma' avukat, mid-domandi li sarulu u mit-tweġibiet jirriżulta li hu ma kienx ta dan il-kunsens. F'dan ir-rigward l-appellant jirreferi għal kundizzjonijiet mentali

tiegħu li ddeterjoraw minħabba l-konsum tad-droga u jisħaq li huwa ma kienx fehem li seta' jikkonsulta ma' avukat jew li seta' jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu.

Illi fir-rigward tal-akkużi ta' ħasil ta' flus l-appellant jispjega li dakinhar tal-interrogazzjoni huwa ma kienx ħa d-doża ta' *methadone*. Minbarra dan l-appellant jirreferi għal fatt li huwa kellu dritt għal *full disclosure* liema ma ngħatax u f'dan ir-rigward jirreferi għal dak li jgħid l-iSpettur Cassar (*a fol*. 57). Huwa jilmenta wkoll li Josianne Brincat għandha titqies bħala ko-imputat u minħabba dan għandhom japplikaw tali regoli.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li xi nies li ġew identifikati minn Brincat qatt ma nġiebu. Ikompli li l-fatt li saret notifika lill-Kummissarju tat-Taxxi huwa kontro-sens minħabba li jirrelata ma' offiża dwar evażjoni tat-taxxa.

Illi rigward dan l-aggravju, l-Avukat Ġenerali jsemmi l-fatt li l-appellant iffirma d-dikjarazzjoni li qed jirrinunzja għal għajnuna legali. Għalhekk in vista tal-karattru refrattarju tal-appellant u tal-fatt li huwa pluri-reċidiv, l-appellat Avukat Ġenerali jisħaq li dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

Illi din il-Qorti rat bir-reqqa l-filmat tal-interrogatorju tal-appellant (Dok. "JC 3" – *a fol*. 69) u tinnota li ma ratx lill-appellant f'xi stat mentali ħażin anzi ratu fi stat kumbattiv jipprova jirribatti punt punt l-akkużi li kienu qed isirulu. Minkejja li kien evidentement qed jigdeb, huwa baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu u anke rrifjuta li jwieġeb domandi skomdi li kienu qed isirulu. L-appellant f'punt minnhom beda wkoll jikkwustinja mas-Surġent dwar it-twissija li allegatament ma ngħatax. Għal kull buon jingħad li fis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tiegħu, l-appellant jgħid li jista' wkoll jagħmel perjodi mingħajr id-droga. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kien jaf b'mod ċar x'kien qed jiġri meta huwa rrifjuta l-assistenza ta' avukat.

Illi rigward l-ilment tal-appellant li ma ngħatax *full disclosure*, din il-Qorti tinnota li huwa jirreferi għax-xiehda tal-iSpettur Cassar fejn dan jikkonferma li sabiex ma jkunx hemm intralċ għall-investigazzjoni huwa ma tax l-isem ta' xhud li kellha l-Pulizija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 534AF(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom."

Illi jirriżulta li fil-mument li qed jiġi kkontestat kienet għadha qed isseħħ l-investigazzjoni. Jidher ukoll li l-iSpettur kien spjega x'kien qal ix-xhud (*a fol.* 58). Minbarra dan tajjeb jingħad li din il-parti tax-xiehda tidher li tirreferi għal Pawlina Cutajar u mhux l-appellant. Di piu' mill-informazzjoni li ta l-iSpettur lill-imputati jidher li kull ma żamm lura kien l-isem tax-xhud u għalhekk fis-sustanza huma setgħu jippreparaw id-difiża tagħhom.

Illi apparti dan l-appellant ġie arrestat it-tieni darba permezz ta' Mandat ta' Arrest (Dok. "RT" – *a fol.* 553). Dan jammettih ukoll waqt l-istqarrija tiegħu tat-8 ta' Frar 2019 (*a fol.* 228 *et seq.*). L-appellant jgħid ukoll li huwa ma qarax il-mandat u għalhekk jgħid li ma kienx jaf dwar il-kwistjoni tal-prostituzzjoni. Dwar l-obbligi tal-Pulizija li jagħtu *disclosure*, din il-Qorti minbarra dak li qalet preċedentement tifhem li l-mandat fih innifsu huwa wkoll mezz li jinforma lill-persuna li qed tiġi arrestata bir-raġunijiet tal-arrest. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Soumia Mansouri** (Numru 505/2014) fejn din il-Qorti diversament qalet hekk:

"11. L-obbligu tal-Pulizija li tinforma lill-arrestat bir-raġuni tal-arrest jemerġi direttament mill-artikolu 534AB tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Rilevanti ukoll hija l-Iskeda E tal-Kapitolu 9 u anke jekk mhux daqstant dirett, l-artikolu 355AC(2) tal-istess Kap. Fit-termini tal-artikolu 534AB subinċiz (c), huwa d-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skont il-każ, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill-akkużat bla dewmien bid-drittijiet proċedurali *inter alia* d-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta u l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tad-difiża għar-reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l-akkużat. Il-*proviso* ta' dan is-subartikolu jkompli bil-mod segwenti: *"Iżda l-persuna suspettata jew l-akkużat għandhom minnufih jiġu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun ingħatat skond dan l-artikolu fejn ikun neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta."*

12. Imbagħad il-parti intestata B – INFORMAZZJONI DWAR L-AKKUŻA fl-Iskeda E – tal-Kap. 9, tipprovdi hekk: *"Jekk tiġi arrestat, il-pulizija huma fid-dover li jinformawk li fil-fatt inti taħt arrest, ukoll jekk l-arrest jista' jidher li hu evidenti. Inti għandek id-dritt li tkun mgħarraf, fil-ħin tal-arrest tiegħek jew tad-detenzjoni tiegħek, bil-lingwa li inti tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew tad-detenzjoni tiegħek. Jekk ġejt arrestat b'mandat maħruġ minn Maġistrat, inti għandek dritt għall-kopja ta' dan il-mandat li għandu jkun iffirmat mill-Maġistrat li jkun ħareġ il-mandat fil-konfront tiegħek.""*

Illi tenut kont tal-fatt li l-appellant ingħata l-informazzjoni kollha kif ukoll ingħata kopja tal-Mandat, jirriżulta li huwa kellu l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jiddefendi ruħu. Għalhekk din il-Qorti ma tara li kien hemm l-ebda nuqqas minn naħa tal-Pulizija f'dan ir-rigward waqt li l-appellant kellu l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikun infurmat. Il-fatt li ma qarax dan il-Mandat huwa kollu żball tiegħu. Din il-Qorti tgħid dan anke fil-

kuntest li din mhux l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejgħ mal-liġi u għalhekk kien jaf xi jfisser il-mandat.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellant li Josianne Brincat għandha titqies bħal ko-imputata, din il-Qorti tirrimarka li l-unika ko-imputata f'dan il-każ hija Pawlina Cutajar.

Illi b'hekk isegwi li l-ilmenti kollha mressqa mill-appellant fit-tielet aggravju tiegħu ġew imwarrba bil-konsegwenza li dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta dwar l-evidenza minn *Facebook.* Jirreferi għal *Facebook Messenger*. Huwa jisħaq li din mhux l-aqwa prova minħabba li ma hemmx prova li l-provi li ġew elevati humiex sors dirett u oriġinali u għalhekk ma humiex konformi mar-regola tal-aqwa prova. L-appellant jgħid li ma nġiebet l-ebda prova minn liema profil jemerġu l-messaġġi u *Facebook* ma kkonfermawx l-awtentiċita' jew il-provenjenza tad-data. Jispjega li l-profil kien isemmi lil Pawlina u li minħabba li kien hemm aktar persuni li kellhom aċċess għalih l-Ewwel Qorti assumiet li kien jintuża mill-appellant. Ikompli li dan is-servizz jista' jkun hemm aċċess għalih *remotely* u għalhekk seta' jintuża mid-dinja kollha u li konsegwentement ma hemmx il-garanziji neċessarji. L-appellant jilmenta wkoll li l-*mobile* ma ġiex miżmum fl-aqwa kundizzjonijiet.

Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju billi jisħaq li kull min għandu profil fuq xi pjattaforma elettronika soċjali jista' jużah kif jidhirlu xieraq salv li jbagħti l-konsegwenzi jekk l-użu li jagħmel minnu jkun ħażin. Ikompli li mill-provi jirriżulta b'mod ċar li tali profil kien jintuża mill-appellant. Jgħid li in vista li wieħed ma jistax itella s-sid ta' *Facebook* sabiex jikkonferma l-profil in kwistjoni għalhekk kien biżżejjed li jiġu kkonfermati l-i*screen shots* biex titqies li ttellgħet l-aqwa prova.

Illi dwar l-ilment li jirrigwarda x-xhieda li ġew identifikati u ma xehdux, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma jnaqqas xejn mix-xogħol imwettaq mill-Prosekuzzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li laħqet il-livell ta' prova rikjesta mil-liġi hija ma għandhiex għalfejn tibqa' tressaq evidenza. Darba li l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi sta għal Qorti li tagħrbel tali evidenza u tara jekk il-livell ta' prova rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali ntlaħaqx.

Illi għalkemm huwa veru li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova, din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1)

tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi rigward l-ilment tal-appellant li jirrigwarda l-użu tal-*account* tal-pjattaforma elettronika *Facebook*, din il-Qorti tinnota li l-profil ta' *Facebook* jirrikjedi *password* sabiex taċċedi għalih. Iċċarat dan jirriżulta li l-*mobile* tal-appellant dak li ġie sekwestrat l-ewwel darba mill-Pulizija kien illogjat fuq il-profil *Facebook* u jidher ukoll li l-istess kien dak ta' Pawlina Cutajar. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-uniċi persuni li seta' jkollhom aċċess għal dan il-profil huma ż-żewġ ko-imputati li l-interess tagħhom (tenut kont li nqabdu jwettqu r-reati addebitati lilhom) *se mai* kien dak li jħassru tali profil u mhux li jikkreaw informazzjoni dwar l-attivita' tagħhom. Dwar l-awtentiċita' tad-data, din il-Qorti hija konvinta li l-espert li tqabbad mill-Ewwel Qorti huwa garanzija suffiċenti li d-data in kwistjoni ġiet estrapolata mill-*mobile* tal-appellant u l-istess japplika għall-informazzjoni ppreżentata mill-Pulizija. Liema interpretazzjoni tingħata lil din id-data/informazzjoni kienet ir-responsabilita' tal-Ewwel Qorti u ta' din il-Qorti. Din il-Qorti tifhem li l-appellant qed jilmenta dwar l-awtentiċita' minħabba li quddiem il-Pulizija huwa jgħid li ma jafx bil-messaġġi li kien hemm fuq *Facebook* u li huwa ma jafx jużah. Din il-Qorti

tgħid mingħajr tlaqliq li mhux konvinta minn dak li qed jgħid l-appellant. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li huwa jmeri lilu nnifsu dwar jekk kienx jaf juża l-pjattaforma in kwistjoni. Dan jirriżulta mil-parti tal-istqarrija tiegħu fejn jikkonferma li l-messaġġi dwar affarijiet tad-deheb u dawk dwar il-*parts* tal-vettura huma tiegħu. Jikkonsegwi allura li la l-appellant kien jaf jibgħat dawn il-messaġġi seta' kien jaf jibgħat l-oħrajn. B'dana illi għalhekk anke dan l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li din il-Qorti għandha tinbidel f'Qorti Dwar id-Droga u jgħaddi sabiex jagħti r-raġunijiet ta' dan. Din il-Qorti tinnota li t-talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ġiet indirizzata permezz tal-provvediment mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 1225) fejn din it-talba ġiet miċħuda. Għaldaqstant, din il-Qorti ma għandha l-ebda kunsiderazzjonijiet ulterjuri x'tagħmel fir-rigward tal-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jilmenta li huwa ġie żvijat mill-Maġistrat li ppresediet l-Ewwel Qorti minħabba li skont huwa waqt is-seduti hija għaddiet rimarki amikevoli u tat l-impressjoni li ma kienx hemm provi dwar ir-reat ta' ħasil ta' flus. Fis-sottomissjonijiet finali bil-fomm mismugħa quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant jitlob li s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla u jitlob li l-appellant jiġi ri-integrat fil-pożizzjoni li kien sabiex ikun jista' jippreżenta s-sottomissjonijiet finali tiegħu b'mod illi jkun jista' janalizza l-elementi kollha kif rikjesti – sija dawk materjali u sija dawk intenzjonali.

Illi għal kull buon fini jingħad li fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 1141) din il-Qorti ordnat li jiġi eżebiet vera kopja ta' Rikors Kostituzzjonali li l-appellant għamel riferenza għalih f'Rikors ippreżentat quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 1138 *et seq.*) f'liema Rikors huwa talab li din il-Qorti tkompli bis-smiegħ

tal-appell wara li l-proċeduri ta' natura kostituzzjonali mniedija minnu jiġu konklużi. Jingħad ukoll li fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024 (*a fol.* 1155) din il-Qorti rriżervat li tipprovdi dwar it-talba kontenuta fir-Rikors tal-10 ta' Jannar 2024 hawn fuq imsemmi fis-seduta ta' wara ossia dik tal-14 ta' Marzu 2024 f'liema seduta msemmija din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provvediment mogħti fit-22 ta' Frar 2024 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn ġiet miċħuda talba *ad interim* tal-appellant *qua* rikorrent. Għandu jingħad li minn dan il-provediment ma kien hemm l-ebda appell (*a fol.* 1156) u għandu jingħad ukoll li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2024 (*a fol.* 1170 *et seq.*) il-konsulent legali tal-appellant irtira r-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2024 hawn fuq imsemmi bil-konsegwenza li l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Illi din il-Qorti ppermettiet li tiġi eżebita t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn wieħed mill-konsulenti legali tal-appellant li tul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti beda jassisti lill-appellant, liema depożizzjoni ġiet mogħtija mill-istess konsulent legali fi proċeduri ta' indoli konstituzzjonali. Apparti din it-traskrizzjoni li tirriżulta fl-atti proċesswali, din il-Qorti ppermettiet ukoll li l-ko-imputata Pawlina Cutajar tixhed quddiemha fejn hija xehdet x'kien jingħad mill-Maġistrat li kienet qed tippresjedi l-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li kien nuqqas tal-appellant li ma ndirizzax l-imputazzjonijiet li tressqu mill-Prosekuzzjoni kontra tiegħu. Il-provi li tressqu fl-atti proċesswali kienu ċari b'dan illi l-appellant, debitament assistit, seta' jara li l-provi li tressqu setgħu jwasslu għas-sejbien ta' ħtija tiegħu. Din il-Qorti ma tarax għalfejn kellu jiġi żvijat.

Illi jekk l-appellant ħass li l-Ewwel Qorti kienet b'xi mod qed tagħmel ġesti jew tgħaddi rimarki li ma kienux flokhom huwa messu qal ħa azzjoni neċessarja dak il-ħin fosthom li jivverbalizza f'waħda mis-seduti li nżammu quddiemha jew saħansitra jippreżenta Rikors jew jippreżenta Nota sabiex kollox ikun fl-atti proċesswali. Il-fatt li issa l-appellant jiġi fi stadju ta' appell u

jilmenta minn dak li ngħad minnu fl-aggravju in eżami jdarras mhux ftit lil din il-Qorti meta, kif diġa' ngħad, seta' ħa azzjoni oħra.

Illi b'hekk isegwi li anke l-aggravji in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-aħħar aggravju ossia fis-seba' aggravju l-appellant, mingħajr preġudizzju għal aggravji l-oħra mressqa minnu, jilmenta li l-piena li ġiet erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu kienet waħda eċċessiva u jitlob li din għandha tiġi riformata fis-sens li ma tkun waħda ta' priġunerija. Jargumenta li l-piena għandha tkun mezz riformattiv a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jisħaq li llum l-kunċett ta' piena huwa aktar sistema restorattiva. Jgħid li t-tliet prinċipji kardinali huma dawn: (a) retributtiv, (b) preventiv u (ċ) ri-edukattiv jew rijabilitattiv.

Illi da parte tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant hija fil-parametri tal-liġi u li għalhekk jistħoqqilha tiġi konfermata.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li

> tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti (b'mod partikolari l-piena li tirrigwarda r-raba' (4) imputazzjoni ossia dik dwar *money laundering*), liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Dan qiegħed jingħad wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali aġġornata tal-appellant li ġiet eżebita quddiem din l-istess Qorti, liema fedina penali hija waħda mhux leġġera. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Johan Sultana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Finalment din il-Qorti tordna notifika tas-sentenza appellata u ta' din is-sentenza lill-persuni msemmija fid-*decide* tas-sentenza appellata għal għan hemm imsemmi.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**